MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 211/2016 LM

**L-Avukat Dr Carlo Bisazza fil-kapaċità tiegħu bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Brymorex Spolka Z O.O Spolka Komandytowa, reġistrata ġewwa l-Polonja (Reġ. Nru 000053875)**

***vs.***

**Steel Eagle Commerce Limited (C46938)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-16 ta' Marzu, 2013 mis-soċjetà estera **Brymorex Spolka Z 0.0 Spolka Komandytowa** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), u maħluf minn Dottor Carlo Bisazza (ID numru 219873M) debitament awtorizzat jidher għan-nom u in rappreżentanza tal-istess soċjetà attriċi fil-kapaċità tiegħu ta' mandatarju speċjali tagħha, li jgħid kif ġej:

1. *Illi s-soċjetà intimata ġiet kuntrattata da parti tas-soċjetà rikorrenti tissupplixxi fornitura ta' merkanzija kif jirriżulta mill-annessi Dokumenti (CB1-CB2), b'dan illi l-istess soċjetà intimata kellha l-obbligu illi tikkonsenja l-merkanzija in kwistjoni entro d-delivery dates rispettivi kif jirriżulta mid-dokumenti ċitati;*

2. *Illi minkejja illi s-soċjetà rikorrenti effettwat pagamenti komplessivament ammontanti għal ħamsa u ħamsin elf, sitt mija u sitta u tmenin Dollaru Amerikan u ħames ċenteżmi (USD 55,686.05) li skont ir-rata tal-kambju viġenti huwa ekwivalenti għal ħamsin elf, tmien mija u erbgħin Euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€50,840.91), kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-merkanzija qatt ma ġiet ikkonsenjata;*

3. *Illi minkejja li s-soċjetà konvenuta ġiet interpellata diversi drabi, biex tirrifondi l-ammont avvanzat lilha kif intqal fuq, hija baqgħet inadempjenti.*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà konvenuta għaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, m'għandhiex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:*

1. *Tiddikjara r-rexissjoni tal-bejgħ tal-merkanzija bejn il-partijiet, minħabba raġunijiet imputabbli lis-soċjetà intimata, kollox kif intqal fuq;*

2. *Tordna u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tirrifondi lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħamsa u ħamsin elf, sitt mija u sitta u tmenin Dollaru Amerikan u ħames ċenteżmi (USD 55,686.05) li skont ir-rata tal-kambju viġenti huwa ekwivalenti għal ħamsin elf, tmien mija u erbgħin Euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€50,840.91), jew somma verjuri skont ir-rata tal-kambju dakinhar tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, rappreżentanti pagamenti avvanzati lill-istess soċjetà konvenuta, kollox kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża u bl-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' kull pagament relattiv effettwat mis-soċjetà rikorrenti, sal-jum tal-effettiv pagament kontra s-soċjetà konvenuta li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Steel Eagle Commerce Limited (C46938)** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata

fis-7 ta' Lulju, 2016, u maħlufa minn Valcho Stoychev Valchev (ID numru 17172A), li biha eċċepiet:

1. *Illi preliminarjament, peress illi l-ebda waħda mir-rappreżentanti tas-soċjetà esponenti ma huwa ċittadin Malti u filwaqt illi jitkellmu u jifhmu bil-lingwa Ingliża ma jifhimx u ma jitkellimx b'dik Maltija, din l-Onorabbli Qorti għandha, ai termini tal-Kap. 189 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-proċeduri odjerni jsiru bl-ilsien Ingliż;*

2. *Illi preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-fuq eċċepit, l-allegata soċjetà attriċi għandha tipprova li hija fil-fatt kostitwita skont il-liġi u li għalhekk hija vestita bis-setgħa li tipproċedi bil-preżenti kawża;*

3. *Illi preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-fuq eċċepit, l-attur nomine għandu jipprova li huwa fil-fatt vestit bis-setgħa li jipproċedi bil-preżenti kawża;*

4. *Illi preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-fuq eċċepit, l-atturi għandhom jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom;*

5. *Illi bla preġudizzju għall-fuq eċċepit, l-atturi għandhom ukoll jippruvaw fuq liema bażi għandu jiġi rexiss il-kuntratt ta' bejgħ ta' merkanzija imsemmi fir-rikors ġuramentat promutur tal-kawża odjerna;*

6. *Illi bla preġudizzju għall-fuq eċċepit, l-atturi għandhom ukoll jippruvaw li huma intitolati li jitolbu għall-ħlas mitlub fir-rikors ġuramentat promutur tal-kawża odjerna;*

7. *Illi bla preġudizzju għall-fuq eċċepit, jekk tassew jirriżulta li għandu jsir xi ħlas, l-atturi għandhom jippruvaw li, għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħlas mitlub fir-rikors ġuramentat promutur tal-kawża odjerna, jista' jiġi applikat xi rata ta' kambju partikolari bejn id-Dollaru Amerikan u l-Ewro, u għalhekk ukoll l-atturi għandhom jippruvaw 'il għaliex għandha tiġi applikata r-rata ta' kambju applikata mill-atturi;*

8. *Illi f'kull każ, bla preġudizzju għal dak fuq eċċepit, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

9. *Illi l-esponent nomine jikkonferma li hu jaf personalment bil-fatti hawn dikjarati;*

*10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż u bir-riserva ta' kull dritt spettanti lis-soċjetà eċċipjenti kontra l-atturi jew min minnhom, anke minħabba l-ħruġ da parti tal-atturi tal-mandat ta' sekwestru 428/2016 fl-ismijiet premessi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta' Mejju, 2018, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Is-soċjetà attriċi kienet avvanzat ħlas lis-soċjetà konvenuta ta' ħamsa u ħamsin elf, sitt mija u sitta u tmenin Dollaru Amerikan u ħames ċenteżmi (USD 55,686.05) għall-fornitura ta' merkanzija li kellha tiġi kkonsenjata lilha mis-soċjetà konvenuta entro terminu pattwit bejn il-partijiet, liema merkanzija baqgħet ma qatt ġiet fornuta mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi. Is-soċjetà attriċi pproċediet bl-intavolar ta' din il-kawża flimkien ma' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra s-soċjetà konvenuta, fejn qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li l-ftehim pattwit bejn il-partijiet fir-rigward tal-bejgħ tal-merkanzija inkwistjoni għandu jiġi rexiss, kif ukoll sabiex din il-Qorti tordna r-

rifużjoni tal-flejjes imħallsa mill-attriċi flimkien mal-ispejjeż relattivi tal-kawża u tal-mandat ta' sekwestru.

Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, saret konsenja parzjali tal-oġġetti li kellhom jiġu fornuti mis-soċjetà konvenuta, u l-pretensjoni tas-soċjetà attriċi ġiet ridotta għall-ammont ta' tlieta u erbgħin elf, ħames mija u tmienja u sittin Dollaru Amerikan u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (USD 43,568.54).

## Provi u riżultanzi

Xehed permezz ta' *affidavit* **Cezary Brymora**[1], *chairman* tas-soċjetà attriċi, li kkonferma li s-soċjetà konvenuta, Steel Eagle Company Limited, li hi soċjetà rreġistrata f'Malta, hija klijenta tas-soċjetà attriċi. Ir-relazzjoni kummerċjali bejn iż-żewġ soċjetajiet bdiet fis-17 ta' Ġunju, 2013, u fil-bidu ta' din ir-relazzjoni, is-soċjetà konvenuta kienet tibgħat il-konsenji lis-soċjetà attriċi skont l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija lilha, u dan mingħajr ebda problemi. Madanakollu, fit-8 ta' April, 2015 saret ordni mis-soċjetà attriċi[2] li għaliha s-soċjetà konvenuta ħarġet *invoice* fl-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf u mitt Dollaru Amerikan u tmenin ċenteżmu (USD 27,100.80). It-termini tal-ftehim bejn iż-żewġ soċjetajiet kienu jistabbilixxu illi s-soċjetà attriċi għandha tagħmel il-ħlas relattiv fi żmien għaxart ijiem minn meta tirċievi kopja tal-*bill of lading.* Madanakollu, minkejja li l-ħlas da parti tas-soċjetà attriċi sar kif mitlub, is-soċjetà konvenuta qatt ma forniet l-oġġetti ordnati mingħandha. Fit-28 ta' Mejju, 2015 saret ordni oħra mis-soċjetà attriċi[3], liema ordni ġiet aċċettata mis-soċjetà konvenuta li ħarġet *invoice* fl-ammont ta' ħmistax-il elf, mitejn u

[1] *A fol.* 30 tal-proċess.
[2] *A fol.* 46 tal-proċess.
[3] *A fol.* 54 tal-proċess.

erbgħa u erbgħin Dollaru Amerikan u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (USD 15,244.44). Madanakollu għal darb'oħra l-konsenja baqgħet ma saritx lis-soċjetà attriċi. Ix-xhud qal li fit-23 ta' Frar, 2016, is-soċjetà attriċi għamlet l-ewwel tentattiv sabiex tirkupra l-flejjes imħallsa minnha, u s-soċjetà konvenuta qablet li għandha tirrifondi dawn il-flejjes permezz ta' tliet pagamenti separati. Madanakollu l-bilanċ li għadu dovut lis-soċjetà attriċi fl-ammont ta' USD 55,686.05, baqa' ma ġiex rifuż lilha, u kien għalhekk li kellhom jinfetħu dawn il-proċeduri.

Il-kontenut ta' din l-*affidavit* ġie kkonfermat minn **Radoslaw Lucjan Gutowski**[4], *management board representative* tas-soċjetà attriċi, li kkonferma li dak li xehed iċ-*chairman* tas-soċjetà attriċi hu kollu minnu, minħabba li hu kien qiegħed isegwi mill-qrib ir-relazzjoni kummerċjali bejn iż-żewġ partijiet f'din il-kawża. Is-soċjetà attriċi esebiet diversi dokumenti, fosthom kopja tal-ftehim bejn iż-żewġ partijiet fil-kawża[5] kif ukoll kopja ta' ittra bid-data tat-23 ta' Frar, 2016[6] mibugħta f'isem is-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi, li permezz tagħha s-soċjetà konvenuta qiegħda tikkonferma li rċeviet il-pagament ta' USD 55,686.05 mingħand l-attriċi, kif ukoll tirrikonoxxi li l-merkanzija ma waslitx għand is-soċjetà attriċi minħabba li l-*container* li fih intbagħtet ma ġiex rilaxxat minn terzi. Fl-imsemmija ittra, is-soċjetà konvenuta qablet li tirrexxindi l-kuntratt ta' bejgħ bejn il-partijiet u li tirrifondi l-flus riċevuti minnha jekk l-imsemmija merkanzija ma tasalx għand is-soċjetà attriċi fi żmien tliet (3) xhur mid-data tal-ittra. Kien f'din l-ittra li saret offerta għar-rifużjoni tal-flus inkwistjoni, l-ammont ta' USD 55,686.05, permezz ta' tliet pagamenti separati.

---

[4] *A fol.* 34 tal-proċess.
[5] *A fol.* 37 sa 73 tal-proċess.
[6] *A fol.* 75 tal-proċess.

Is-soċjetà attriċi esebiet ukoll kopja tal-prokura[7] li permezz tagħha l-avukat Carlo Bisazza ġie appuntat mandatarju speċjali tas-soċjetà attriċi fir-rigward tar-radd lura tal-flus inkwistjoni mis-soċjetà konvenuta, kif ukoll fir-rigward ta' kull azzjoni eżekuttiva li s-soċjetà attriċi kellha tieħu fil-konfront tas-soċjetà konvenuta sabiex din trodd lura l-imsemmija flus lis-soċjetà attriċi.

Il-Qorti ħatret lill-Assistenta Ġudizzjarja Dr Daniela Bugeja Mangion sabiex tisma' bl-għajnuna ta' interpretu, il-kontroeżamijiet tax-xhieda li xehdu b'*affidavit*. Fl-24 ta' Novembru, 2017 xehed in kontroeżami Cezary Brymora[8] li qal li s-soċjetà attriċi rċeviet konsenja ta' materjal fit-28 t'Awwissu, 2017, mingħand is-soċjetà konvenuta, iżda din il-konsenja ma kinitx kompluta, u dan minħabba li oriġinarjament l-ordni kienet għal tnejn u għoxrin (22) tunnellata ta' materjal, iżda l-konsenja kienet għal sittax (16)-il tunnellata ta' materjal ordnat. Ix-xhud ikkonferma li d-difensur tas-soċjetà attriċi kien intalab jirriduċi l-ammont tat-talba bi tnax-il elf, mija u sbatax-il Dollaru Amerikan u wieħed u ħamsin ċenteżmu (USD 12,117.51), u li l-ammont dovut lis-soċjetà attriċi attwalment huwa ta' tlieta u erbgħin elf, ħames mija u tmienja u sittin Dollaru Amerikan u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (USD 43,568.54).

Fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2018 xehed **Michael Sculiak**[9], impjegat mas-soċjetà konvenuta bħala *senior sales manager,* li xehed li hu ma kienx għadu impjegat mas-soċjetà konvenuta minħabba li din kellha problemi finanzjarji, tant li hu kien ilu ma jirċievi s-salarju dovut lilu qabel ma ddeċieda li jitlaq mill-impjieg mas-soċjetà konvenuta. Fix-xhieda tiegħu Sculiak qal li s-soċjetà konvenuta kienet ikkonsenjat il-prodotti ordnati mingħandha qabel ma din tħallset, u dan

[7] *A fol.* 78 tal-proċess.
[8] *A fol.* 101 tal-proċess.
[9] *A fol.* 106 tal-proċess.

minkejja li l-kuntratt viġenti bejn il-partijiet jistipula li l-ħlas għall-oġġetti ordnati mis-soċjetà attriċi jrid isir qabel is-soċjetà konvenuta tibgħat il-konsenja. Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta kellha kwistjonijiet simili ma' diversi klijenti madwar l-Ewropa, iżda dawn kollha ġew riżolti b'mod amikevoli. L-merkanzija inkwistjoni kienet tikkonsisti f'oġġetti żgħar tal-ħadid bħal boltijiet. Ix-xhud allega li wħud mill-oġġetti fornuti kienu maqbuda f'portijiet Ewropej u li kienu l-atturi li naqsu li jmorru jiġbruhom u li jħallsu għalihom:

> Xhud: "*We ask them, 'Listen, go to the port. Check this material and you will see that this is your goods. It's waiting for you.' They went, they checked and still did not pay. So, some period of time passed and I understand that the company has a real difficulty ...*"
>
> Dr Jonathan de Maria: "*Was this container provided?*"
>
> Xhud: "*Yes it is the last thing I can do for them in that position.*"
>
> Qorti: "*So after the container remained at the port, was it then consigned?*"
>
> Xhud: "*It was consigned to them, yes and they deducted it. The total amount was approximately fifty thousand and they calculated that this container costed* (sic) *twelve thousand. So, we still had some due ...*"

Mitlub jispjega kif fir-Rikors Maħluf jingħad li sar il-ħlas u ma saritx konsenja, bil-maqlub ta' dak li qal ix-xhud, id-difensur tas-soċjetà konvenuta qal li l-konsenja inkwistjoni saret fil-mori ta' dawn il-proċeduri, u li d-difensur tas-soċjetà attriċi kellu jagħmel nota ta' riduzzjoni, li però ma saritx.

Permezz ta' nota ta' riduzzjoni ppreżentata fit-18 ta' April, 2018[10], is-soċjetà attriċi rriduċiet il-pretensjonijiet tagħha f'din il-kawża għal tlieta u erbgħin elf, ħames mija u tmienja u sittin Dollaru Amerikan u erbgħa u ħamsin ċenteżmu

[10] *A fol.* 110 tal-proċess.

(USD 43,568.54), in vista tal-fatt li kien hemm tpaċija akkont tal-ammont dovut. F'dan il-kuntest, il-Qorti kkunsidrat dak li stqarr id-difensur tal-konvenuta, li saret konsenja parzjali tal-oġġetti ordnati mis-soċjetà attriċi u li kellha ssir nota riduzzjoni bi qbil bejn il-partijiet, u kwindi li t-talba tas-soċjetà attriċi għar-rifużjoni ta' parti mill-ammont imħallas minnha, fl-ammont ta' tlieta u erbgħin elf, ħames mija u tmienja u sittin Dollaru Amerikan u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (USD 43,568.54), hemm qbil taċitu da parti tas-soċjetà konvenuta, li hija ġustifikata.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti kkunsidrat id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Ċivili regolanti materji ta' bejgħ bħal dak inkwistjoni, partikolarment l-artikolu 1347 li jistabbilixxi l-mod li bih jitqies li hu perfezzjonat il-kuntratt ta' bejgħ:

> "Il-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz."

F'dan il-każ, il-ftehim dwar il-prezz u l-oġġetti li kellhom jiġu fornuti, sar fit-8 t'April, 2015 u fit-28 ta' Mejju, 2015, u minn dakinhar l-oġġetti inkwistjoni saru tas-soċjetà attriċi, filwaqt illi l-venditriċi, li hi s-soċjetà konvenuta, daħlet f'obbligu ta' kunsinna *ai termini* tal-artikolu 1378 tal-Kodiċi Ċivili li jistabbilixxi:

> "Il-bejjiegħ għandu fuq kollox żewġ obbligi, jiġifieri li jikkunsinna, u li jiggarantixxi l-ħaġa mibjugħa."

Fil-każ odjern jidher ċar li almenu wieħed miż-żewġ obbligi ewlenin li kellha s-soċjetà konvenuta ma ġiex imħares, u li l-kunsinna tal-oġġett tal-bejgħ ma saritx. L-artikolu 1385 tal-Kodiċi Ċivili jistipula illi:

> "Jekk il-bejjiegħ jonqos li jagħmel il-kunsinna, fiż-żmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif jagħżel hu, jew li l-kuntratt jiġi maħlul jew li huwa jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħaġa mibjugħa, iżda dan kemm-il darba d-dewmien ikun ikkaġunat mill-bejjiegħ biss."

Din il-Qorti kif diversament preseduta f'sentenza fl-ismijiet **Malta International Airport plc *vs.* Safety & Security Management Ltd**[11], f'ċirkostanzi prattikament identiċi għal dawk tal-kawża odjerna, ġie stabbilit hekk:

> "Is-soċjetà attriċi kif kienet ix-xelta tagħha taħt l-artikolu 1385 qed titlob f'dawn il-proċeduri li tinħall mill-kuntratt ta' dan il-bejgħ. Din il-Qorti minn imkien ma jirriżultalha mod ieħor illi n-nuqqas ta' kunsinna ma kinitx attribwibbli lis-soċjetà konvenuta ... Bla dubbju kif jirriżulta mill-artikolu 1378 ċitat il-kunsinna tal-ħwejjeġ mibjugħa huwa obbligu li l-liġi tqiegħed fuq il-parti tal-bejjiegħ. Għalhekk il-bejgħ ma jistax jitqies li ġie onorat jekk tali kunsinna ma tavverax..."

Fil-kawża odjerna s-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tordna r-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ u tordna lis-soċjetà konvenuta tirrifondi lura l-flejjes imħallsa minnha għal kunsinna li qatt ma avverat ruħha. Huwa ċar li s-soċjetà attriċi hawnhekk qiegħda tagħmel użu minn jedd mogħti lilha bis-saħħa tal-artikolu 1385 tal-Kodiċi Ċivili, u li mill-provi prodotti t-talba attriċi hija ġustifikata.

---

[11] P.A., 16.12.2015.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta;**

**2. Tilqa' t-talbiet attriċi, u tiddikjara rexxissi l-kuntratti ta' bejgħ li saru bejn il-partijiet fit-8 t'April, 2015 u fit-28 ta' Mejju, 2015, filwaqt li tordna lis-soċjetà konvenuta trodd lura lis-soċjetà attriċi s-somma ta' USD 43,568.54 rappreżentanti pagamenti avvanzati lis-soċjetà konvenuta mis-soċjetà attriċi għal merkanzija li s-soċjetà konvenuta naqset milli tikkonsenja lis-soċjetà attriċi.**

**Bl-ispejjeż kollha tal-kawża u bl-imgħaxijiet legali mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv, a karigu tas-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.